MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 382/2006

**A pro et noe**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-22 ta' Novembru, 2006 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

Din hija kawża għall-manteniment.

1. Illi l-attriċi twilditilha tarbija bl-isem ta' C minn relazzjoni li kellha mal-konvenut B, liema tarbija twieldet fid-9 ta' April tas-sena 2001, u dan kif jirriżulta mill-anness

ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 1523 immarkat Dok. A.

2. Illi permezz ta' kuntratt pubbliku, il-konvenut irrikonoxxa lill-minuri C bħala ibnu, u dan kif jirriżulta mill-anness kuntratt pubbliku in atti Nutar Dottoressa Sylvana Borg Caruana datat 26 ta' Settembru, 2006 u mmarkat Dok. B.

3. Illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmi ibnu minuri iżda li jħallas kull manteniment minnu dovut mhux biss għall-futur iżda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri u dan *in linea* mal-prinċipju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20 ta' Diċembru, 1974 fl-ismijiet Filippu Grech vs Antonia Magri (XXXII.I.468).

4. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma seħħitx u dan kif jirriżulta mill-anness digriet immarkat Dok. C.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundannah iħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi likwidata *in linea* ta' manteniment għat-tifel minuri C okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u liema somma għandha tirrifletti dak li kien ikollu jħallas il-konvenut sal-lum mid-data tat-twelid tat-tarbija sad-data tas-sentenza effettiva u oħra ġjornaljiera u *cioe'* '*per diem*' *in linea* ta' manteniment futur għall-imsemmi minuri C, bl-imgħaxijiet legali skond il-liġi.

Bl-ispejjeż, u bil-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata (erronjament indikata bħala rikors) tal-konvenut, ippreżentata fit-2 ta' Marzu, 2007, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi preliminarjament, huwa għandu dħul medju ta' disa' mija, tnejn u disgħin Lira Maltin (Lm992) fix-xahar, li minnhom ħames mitt Lira Maltin (Lm500) huma *performance bonus* li m'huwiex garantit. Illi wara li jiżdied l-istess bonus, u titnaqqas it-taxxa, jifdallu s-somma ta' ħdax-il elf, disa' mija u erbgħa Liri Maltin (Lm11,904). Minn dawn irid iħallas bosta spejjeż perjodiċi, inkluż il-manteniment ta' ibnu C u bintu Elana, bħal ma hemm elenkat fid-Dok. H, anness; liema spejjeż huma kollha raġonevolment essenzjali. Dawn l-ispejjeż jilħqu t-total ta' ħdax-il elf, seba' mija, tmienja u ħamsin Lira Maltin (Lm11,758). Dan ifisser illi mid-dħul kollha tiegħu, jifdallu biss mija u sitta u erbgħin Lira Maltin (Lm146), fl-aħħar tas-sena. Apparti dan, il-konvenut m'għandu ebda assi oħrajn, bħal per eżempju, proprjeta' immobbli; difatti huwa obbligat jgħix id-dar mal-ġenituri tiegħu, u jikri l-garaxx li juża.

2. Illi wieħed irid iqis ukoll il-mezzi ta' l-attriċi, li hija sid ta' appartament, b'żewġ kmamar tas-sodda, u li faċilment jiswa erbgħin elf Lira Maltin (Lm40,000) minn ta' l-inqas, fis-suq immobiljari odjern. Hemm ukoll il-fatt li dan l-appartament ta' l-attriċi huwa mħallas, armat u attrezzat b'kollox, u m'għandu ebda dejn fuqu. Meta wieħed iqis dawn, mal-fatt li l-konvenut ma hu sid ta' xejn, u lanqas biss għandu dar tiegħu fejn jgħix, wieħed jinduna li finanzjarjament l-attriċi hija f'qagħda ferm iżjed żgura. Dan joħroġ mill-fatt illi mil-likwidu li jifdal lill-konvenut, wara li l-ispejjeż tiegħu jitnaqqsulu mid-dħul tiegħu, huwa impossibbli għalih li jibda jikkontempla investiment f'appartament għalih innifsu.

3. Illi l-kwantum ta' manteniment għall-wild għandu jiġi ffissat skond il-bżonnijiet ta' min qiegħed jitolbu, u l-mezzi ta' min jagħtih. Anki li kieku wieħed minn jew iż-żewġ partijiet kellhom mezzi sostanzjali, wieħed qatt ma jista' jgħid li allura, la hemm, nieħu kemm nista' jew kemm niflaħ. Dan għax hemm kriterju ieħor, li m'huwa xejn inqas importanti u determinanti: il-bżonn ta' min jitlob il-manteniment; u l-bżonn ma jikbirx bi proporzjon għall-mezzi. Diġa' rajna li l-mezzi tal-konvenut xejn m'huma ampji daqs kemm qed jimmaġinaw l-attriċi u l-avukat

tagħha. Bħala bżonnijiet tat-tarbija C, għandhom jitqiesu l-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni tiegħu. Nafu illi dwar abitazzjoni, m'għandux bżonnijiet, għax jgħix ma' ommu mingħajr spejjeż. Għal dak li huma ikel, ilbies u saħħa, dawn huma ampjament koperti b'dak li jipprovdulu ommu u missieru b'manteniment ta' tmenin Lira Maltin (Lm80) fix-xahar.

4. Illi l-attriċi għandha l-obbligu li tikkontribwixxi hija wkoll għall-bżonnijiet ta' binha C, u ma tistax tippretendi li tistrieħ fuq ix-xogħol tal-konvenut għall-manteniment tiegħu u forsi tagħha wkoll. Dan huwa spjegat b'mod ċar biżżejjed fid-deċiżjoni tal-Prim Awla, Qorti Ċivili, ippresjeduta mill-Imħallef R.C. Pace, fl-ismijiet Portelli Jennifer *pro et nomine* vs Portelli John, 25 ta' Ġunju, 2003.

5. Illi l-partijiet m'humiex miżżewġin, u *inoltre* l-attriċi m'għandhiex bżonn ta' għajnuna iżjed milli dejjem ta għal binhom, u li għadu jagħti l-konvenut, u li qegħdin jagħtu l-ġenituri tagħha stess minn rajhom u bi pjaċir tagħhom.

6. Għaldaqstant, il-konvenut iħoss li t-talbiet ta' l-attriċi huma ovvjament avidi u eżorbitanti, u għalhekk għandhom jiġu llimitati għal *massimu* ta' tmenin Lira Maltin (Lm80) fix-xahar għall-manteniment tat-tarbija C biss.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-15 ta' Frar, 2007 li permezz tiegħu l-Qorti ordnat li l-konvenut iħallas manteniment ta' mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar *pendente lite*.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-partijiet u semgħethom in kontro-eżami u semgħet il-provi l-oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ġunju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob il-ħlas ta' manteniment għall-minuri li twieled minn relazzjoni li kellha mal-konvenut. L-oġġezzjoni prinċipali tal-konvenut hija mhux tant fil-prinċipju iżda dwar il-*quantum*, u jidher ċar li hemm nuqqas ta' konverġenza dwar l-ammont li huwa għandu jħallas fir-rigward.

Il-Qorti tħoss li din il-kawża twalet bla bżonn għaliex setgħet intemmet ferm qabel. Dan ma ġarax għax il-partijiet ħassew il-ħtieġa li jressqu diversi provi, appuntu dwar il-qligħ tal-konvenut.

Il-Qorti konvinta li l-konvenut għandu mezzi suffiċjenti biex iħallas il-manteniment u dan ħareġ ċar mid-diversi provi li nġabru u speċjalment il-kontijiet bankarji. L-obbligu ta' ġenitur li jmantni lill-minuri joħroġ evidentement mill-Artiklu 7 tal-Kodiċi Ċivili – ara s-sentenza Micallef vs Scotto mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 2002 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Lanqas ma hija skuża għall-konvenut li għandu xi spejjeż peress illi jgħix waħdu. Barra minn hekk l-obbligu li wieħed imantni lil uliedu jipprexxindi jekk il-ġenitur jaħdimx jew le – ara s-sentenza Lea Tabone vs Jesmond Tabone deċiża fit-2 ta' Ottubru, 2003, għalkemm f'dan il-każ il-problema ma teżistix għax il-konvenut jaħdem.

Il-Qorti taqbel ukoll li l-konvenut għandu jmantni lit-tifel minuri mid-data tat-twelid għaliex huwa ċar li l-obbligu jitwieled mat-twelid tat-tarbija – salv preskrizzjonijiet li f'dan il-każ ma hemmx. Fil-fatt hija *gia'* tat digriet li permezz tiegħu ordnat il-ħlas ta' mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar fi Frar 2007, u biex ma toħloqx konfużjoni ser tordna li l-konvenut iħallas nofs dan l-ammont b'effett mid-data tat-twelid, u *cioe'* minn April 2001 sa Jannar 2007, u allura disgħa u sittin xahar. Il-konvenut jidher li ħallas il-manteniment minn dak iż-żmien, u *cioe'* Frar 2007 sal-lum, u għalhekk jibqagħlu l-bilanċ minn April 2001 sa Jannar 2007, kif *gia'* ingħad disgħa u sittin xahar, u għalhekk b'kollox tlett elef, erba' mija u ħamsin Lira Maltin (Lm3,450) li minnhom iridu jitnaqqsu elf, sitt mija u

erbgħin Lira Maltin (Lm1,640) li l-konvenut ħallas f'dak il-perjodu kif jirriżulta mid-deposizzjoni tiegħu, u kkonfermat mill-attriċi. Għandu jingħad li l-konvenut isostni li ħallas iktar, iżda dan għax qed jgħid li kien jonfoq fuq it-tifel meta jkun miegħu, iżda dan mhux ħlas ta' manteniment iżda ħlas doveruż f'dak il-perjodu li jkun fil-kumpanija ta' ibnu. F'kull każ il-Qorti kienet appositament konservattiva ħafna fl-ammont li qed tordna li jitħallas f'arretrati biex tagħmel tajjeb għal dawn il-*ħlasijiet* u xi spejjeż oħrajn li seta' għamel il-konvenut. Għalhekk bħala arretrati l-konvenut għandu jħallas elf, tmien mija u għaxar Liri Maltin (Lm1,810) ammontanti għal erbat elef, mitejn u sittax-il Euro u sbatax-il ċenteżmu (€4,216.17).

Kwantu għall-futur il-Qorti ser tordna ħlas ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) fix-xahar – **naturalment dejjem *rebus sic standibus***.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi *in linea* ta' arretrati tal-manteniment għall-minuri msemmi mid-data tat-twelid sa Frar 2007 is-somma ta' erbat elef, mitejn u sittax-il Euro u sbatax-il ċenteżmu (€4,216.17), u b'effett mill-1 ta' Ottubru, 2008 is-somma ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) fix-xahar, *rebus sic standibus.***

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------